MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 289/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**
**Spettur Priscilla Caruana**

**vs**

**Emmanuel Montesin**
**Melvin Montesin**
**Roderick Montesin**

Il-Qorti:

Rat li l-imputati Emmanuel Montesin ta' 47 sena, iben Arthur u Mary nee' Abela, imwieled Pieta' nhar il-25 ta' Mejju 1963 u residenti gewwa Entratura E, Flat 5, Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita' numru 288263(M) u l-imputat Melvin Montesin ta' 20 sena, iben Emmanuel u Gaetana nee' Magri, imwieled il-Pieta' nhar l-14 ta' Jannar 1990, residenti

gewwa Entratura E, Flat 5, Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita' numru 62690(M) u l-imputat Roderick Montesin ta' 22 sena, iben Emmanuel u Gaetana nee' Magri, imwieled il-Pieta' nhar il-05 ta' Frar 1988, residenti gewwa Entratura E, Flat 5, Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita' numru 79588(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ;

Fix-xahar ta' Marzu 2010, minn gewwa il-fabbrika numru HHF12, li kienet iggib l-isem ta' Aluminium Exclusions u li tinsab fil-Qasam Industrijali Limiti ta' Hal Far, Hal Far, ikkommettew serq ta' oggetti li l-valur komplessivament taghhom jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' persuna u/jew persuni ohra ;

Fix-xahar ta' Marzu 2010, xjentement f' Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti.

Lil Emanuel Montesin wahdu

Huwa sar recidivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Melvin Montesin wahdu

Kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata il-05 ta' Ottubru 2008 ;

Huwa sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Marzu 2010 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2010 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq li sar fix-xahar ta' Marzu 2010 mill-fabbrika HHF12, Hal-Far Industrial Estate, fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Far. Fl-24 ta' Marzu 2010 ghall-habta tal-11.30am il-Pulizija rcevew rapport minghand Nazzareno Agius li huwa mpjegat tal-Malta Industrial Parks u kien qed jaghmel patrol fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Far li huwa kien sema' xi hsejjes suspettuzi gejjin mill-fabbrika. Mill-provi rrizulta li meta marru l-Pulizija fuq il-post u accedew fil-fabbrika flimkien ma Nazzareno Agius sabu lit-tlett imputati li kienu qed jisirqu bicciet tal-aluminium u hadid mill-istess fabbrika. Mir-rapport tal-espert tekniku il-Perit Valerio Schembri lli gie mahtur fl-Inkjesta Magisterjali[1] jirrizulta li fil-hin precedenti ghall-allegata serqa l-fond in kwistjoni kien maghluq. Mix-xhieda ta' Nazzareno Agius li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18ta' Marzu 2011 fil-fatt jirrizulta li l-fabbrika precedentement kienet mikrija lis-

[1] Process Verbal relattiv inserit a fol. 72 tal-atti processwali

socjeta’ Aluminium Extrusions Limited izda f’Dicembru, 2007 gie mahrug eviction order fejn is-socjeta’ msemmija giet ordnata tizgombra l-fabbrika. Irrizulta wkoll li f’Awwissu 2009 kien ikun hemm il-pulizija ghassa mal-fabbrika il-hin kollu u wara li twaqfet din l-ghassa l-aperturi kollha tal-fabbrika gew imbarrati bil-gebel. Mir-rapport tal-Perit Valerio Schembri kif ukoll mir-rapport tas-Scene of the Crime Officers mahtura fl-Inkjesta Magisterjali irrizulta li l-access ghall-fabbrika nkiseb permezz ta’ skalata u sgass u cioe’ billi nqala parti mir-recint tal-fabbrika u mbaghad gie sgassat bieb tal-hadid fil-kamra ta’ magenb il-main switch, inqala’ parti mill-hajt li kien jimblokka wahda mill-loading bays u apertura ta’ tieqa u l-gebel li kien qed jimblokka l-istess tieqa. Mir-rapport tal-espert tekniku l-Perit Valerio Schembri kif ukoll mix-xhieda ta’ Raymond Borg li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta’ Frar 2011 irrizulta li mill-fabbrika kien insteraq makkinarju u oggetti ohra li l-valur taghhom kien ilahhaq it-€80,000. Mill-provi izda ma rrizultax sal-grad rikjest mill-ligi li t-tlett imputati fil-kawza odjerna kienu responsabbli ghas-serq tal-oggetti kollha li nstabu nieqsa u fil-fatt l-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom tirrigwarda l-aggravju tal-valur li jeccedi t-€232 izda mhux it-€2330. Mill-provi fil-fatt irrizulta li t-tlett imputati kienu mlew tlett xkejjer bl-aluminium u l-hadid u fil-vettura taghhom bin-numru tar-registrazzjoni DAS 709 instabu xi xkejjer ohra vojta.

Ikkunsidrat:

Illi t-tlett imputati rrilaxxjaw stqarrijiet wara li huma gew arrestati fuq ix-xena tad-delitt (stqarrijiet inseriti a. fol 36 sa 44 tal-atti processwali) fejn huma qalu li kienu accedew fil-fabbrika f’diversi okkazzjonijiet fejn kull darba kienu jiehdu erba’ jew hames xkejjer mimlijin bl-aluminium u l-hadid. Huma qalu li kienu jahsbu li l-post kien abbandunat u peress li raw xi persuni ohra jgorru l-affarijiet hasbu li setghu jiehdu li jridu. L-imputati qalu li accedew fil-fabbrika minn tieqa li kienet imkissra. Huma qalu wkoll li wara li jitilqu mill-fabbrika kienu jmorru dritt sabiex ibieghu l-aluminium u hadid li jkunu hadu f’post Hal Luqa jismu Metallico u qalu wkoll li xi jiem qabel ma nqabdu fuq il-

post gew mistoqsija minn tal-Metallico jekk kienux qeghdin igibu l-aluminium mill-fabbrika ta’ Hal Far u gew infurmati sabiex joqoghdu attenti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputati jinsabu akkuzati bir-reat ta’ serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeccedi t-€232 izda mhux il-€2329.37. Kif intqal aktar ‘il fuq huma nqabdu in flagrante delicto ghaliex instabu fuq il-post qed jimlew l-ixkejjer bil-bicciet tal-aluminium u tal-hadid. L-iskuza minnhom migjuba li hasbu li l-post kien abbandunat u l-oggetti li kienu qed jiehdu kienu mormijin u bla valur hija ghal kollox inaccettabbli u ma tistghax titwemmen. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom illi mill-provi jirrizulta li l-aperturi tal-fabbrika kienu kollha mbarrati bil-gebel u din kienet indikazzjoni cara daqs il-kristall li din kienet propjeta’ privata u li l-access ghal persuni mhux awtorizzati kien projbit. Inoltre mill-provi rrizulta li l-imputati kellhom access ghal gewwa l-fabbrika billi sgassaw bieb u nehhew xi cnagen mill-hitan. Jigi rilevat inoltre li il-fatt li l-imputati kienu jbieghu il-materjal li kienu qed jiehdu kien indikazzjoni cara li dan il-materjal kellu valur u ghalhekk ma kienx mormi. Fl-ahhar nett jinghad ukoll li l-imputati stess stqarrew li kienu a konoxxenza tar-raguni il-ghala il-fabbrika kienet maghluqa u gew imwissija sabiex joqoghdu attenti u din hija indikazzjoni ulterjuri li huma kienu jafu li l-oggetti li kienu qed jiehdu ma kienux res derelicta. Kif diga’ ntqal aktar ‘il fuq izda huma ser jinstabu hatja biss ghas-serq tal-materjal li nstab fil-pussess taghhom dakinhar li nqabdu kif ukoll tal-materjal li ammettew li hadu f’okkazzjonijiet precedenti. Rigward il-valur tal-materjal l-imputati stess ammettew li kull darba li kienu jmorru kienu jiehdu madwar erba’ jew hames xkejjer materjal u li huma kienu jbieghu dan il-materjal ghal madwar €70. Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-valur tal-oggetti misruqa kien jeccedi t-€232 izda ma kienx jeccedi €2329.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tieni (2) imputazzjoni l-imputati gew addebitati bir-reat ta' ricetazzjoni izda huwa evidenti li din l-imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputati qed jinstabu hatja u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Emanuel Montesin wahdu jinsab ukoll akkuzat li rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Il-Prosekuzzjoni in kwantu jirrigwarda dan l-aggravju esebiet kopji ta' zewg sentenzi (inseriti a. fol 112 sa 120 tal-atti processwali) minn fejn jirrizulta li fit-23 ta' Jannar 2003 huwa nstab hati ta' attentat ta' serq kwalifikat bil-mezz u l-hin u gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ifisser li din is-sentenza ma tistghax titqies bhala kundanna ghall-finijiet ta' recidiva. Mill-kopja informali tas-sentenza nserita a. fol 120 fejn l-imputat gie akkuzat li kkaguna griehi ta' natura hafifa u ta' ksur ta' buon ordni u paci pubblika ma jirrizultax car mis-sentenza ghall-liema minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet kien instab hati u peress li wahda mill-imputazzjonijiet kienet ta' natura kontravenzjonali id-dubju ser jimmilita favur l-imputat u huwa mhux ser jitqies li huwa recidiv.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Melvin Montesin wahdu jinsab ukoll akkuzat li kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni esebiet kopja ta' sentenza (nserita a. fol 121) datata 6 ta' Ottubru 2008 minn fejn jirrizulta li l-imputat Melvin Montesin gie mqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett (3) snin mid-data tas-sentenza. Jirrizulta ghalhekk li l-imputat huwa hati li kiser il-provedimenti tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux li huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-valur mhux gholi tar-res furtiva kif ukoll il-fatt li l-imputati kkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet u ghaddew informazzjoni utli lil Pulizija li waslet sabiex jittiehdu proceduri kontra terzi perusni li kienu serqu oggetti ta’ valur mill-fabbrika li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat Roderick Montesin ghandu fedina penali netta filwaqt li fil-kaz tal-imputati Emanuel u Melvin Montesin huma mhux ser jigu kkunsidrati li huma recidivi. Il-Qorti fic-cirkostanzi thoss li m’ghandiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 267, 276 u 277(b) u 31 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat Emanuel Montesin hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijdou tat-tlett (3) snin millum. Stante li t-tieni (2) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qieghed jinstab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Emanuel Montesin mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u konsegwentement tilliberah minnha.

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 267, 276, 277(b) u 31 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Melvin Montesin hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra l-imputati kollha kif ukoll tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu wahdu izda limitatament in kwantu jirrigwarda ksur ta’ probation u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum u multa ta’ mija u hamsin ewro (€150). Stante li t-tieni (2) mputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jistab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni., l-Qorti tiddikjara lill-imputat Melvin Montesin mhux hati tal-imputazzjoni li rrenda ruhu recidiv u konsegwentement tilliberah minnha.

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 267, 276, 277(b) u 31 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat Roderick Montesin hati tal-ewwel(1) imputazzjoni u tikundannah tlettax(13)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn (2) millum. Stante li t-tieni(2) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qieghed jinstab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------